MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 293/2004

**Fernando Falzon u Ingrid Camilleri**
**Vs**

**Lay Lay Co Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta Frar 2004 fejn intalab li s-socjeta konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' elf Liri Maltin (Lm1000) rapprezentanti ammont depositat mas-socjeta konvenuta in kontemplazzjoni ma konvenju dwar xiri ta mezzanin fil-Fgura liema konvenju baqa qatt ma gie ffirmat bejn il-partijiet;

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-avviz sal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta ngunta ghas-subizzoni.

Ra r-risposta prezentata mis-socjeta konvenuta datata 5 ta April 2004 fejn ikkontestat it-talba attrici minghajr ebda

elaborazzjoni jew spjegazzjoni ulterjuri u b'riserva ghal prezentata ta eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra n-nota ta kontestazzjoni agguntiva prezentata mis-socjeta konvenuta fl-1 ta Gunju 2005 fejn gie mistqarr li l-ftehim kien fis-sens li d-depositu ta Lm1,000 jintilef f'kaz li l-atturi ma jersqux ghall-att finali;
Ra x-xhieda u provi ohra mressqa.

Ikkunsidra.

Illi l-kaz in ezami jikkoncerna depositu akkont ta prezz ta xiri ta mezzanin in kontemplazzjoni ta konvenju li kellu jsir f'data aktar tard. Illi huwa pacifiku li l-konvenju baqa qatt ma gie ffirmat bejn il-partijiet. Jirrizulta wkoll mill-istess skrittura relattiva Dok IC1 illi anqas ma hemm stipulat li dan l-ammont jintilef f'kaz li l-atturi ma jersqux ghall-att tal-konvenju u jew ghall-att finali kuntrarjament ghal dak allegat fin-nota ta eccezzjonijiet agguntiva da parti tas-socjeta konvenuta apparti l-fatt li tali allegazzjoni tinsab kontradetta minn diversi xhieda. Illi anqas ma hemm imnizzla l-kondizzjonijiet l-ohra kollha msemmija minn Michael Axisa fl-affidavit tieghu. It-Tribunal ma jistax jifhem kif il-partijiet kellhom il-hin jaghmlu dik l-iskrittura u suppost tkellmu fuq diversi kondizzjoniijet u spiccaw biex minnflok kitbu konvenju normali nizzlu semplici ricevuta liema skrittura ma tikkreja ebda rabta legali bejn il-partijiet ghal finijiet ta konkluzjoni ta bejgh ta immobbli izda sservi biss bhala ricevuta u cioe bhala prova ta pagament u xejn aktar.

Illi ma hemm ebda dubbju l-anqas li l-ammont ta Lm1,000 fil-fatt thallsu lis-socjeta konvenuta kif jirrizulta mill-istess skrittura Dok IC1 u mix-xhieda tal-istess Michael Axisa.

Illi ghalkemm ma hux daqshekk relevanti ghall-kaz odjern u dana in vista tal-fatt li konvenju qatt ma gie ffirmat (kwindi ma kien hemm ebda relazzjoni kontrattwali ta promessa ta bejgh u promessa ta xiri bejn il-partijiet – relazzjoni essenzjali f'kaz ta trasferiment ta immobbli) izda tajjeb li jinghad ukoll li l-atturi baqghu ma resqux ghall-att tal-konvenju mhux b'kapricc izda semplicement il-ghaliex

kellhom esitu negattiv fuq l-indagini li huma ghamlu mal-Bank sabiex jottjenu self bankarju. Vide IC 2 u IC 3.

Illi in vista tal-premess ghalhekk, it-Tribunal ma jistax jifhem b'liema pretenzjoni legali s-socjeta konvenuta tista qatt izzomm l-ammont ta elf lira depositata ghandha.

Ghaldaqstant in vista tal-premess t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta, kwindi jilqa t-talbiet tal-atturi u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma kif mitluba ta elf lira (Lm1000) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta dan l-avviz u bl-ispejjes ta din l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-istess socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------